

Brussell, 9 ta' Lulju 2026
(OR. en)

11679/26

VETER 116
AGRILEG 184
SAN 576
DENLEG 71
PHYTOSAN 68
SEMENCES 54

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 351 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-eżerċizzju tas-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ("Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali")

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 351 final.

Mehmuż: COM(2026) 351 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.7.2026
COM(2026) 351 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL- KUNSILL

dwar l-eżerċizzju tas-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ("Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali")

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-eżerċizzju tas-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-ġhalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ("Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali")

1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolament (UE) 2017/625¹ huwa l-att bażiku li jirregola t-tweqqif ta' kontrolli uffiċjali għall-verifika tal-konformità mar-regoli tal-UE dwar il-katina agroalimentari, inkluż fejn daww ir-regoli japplikaw għall-annimali u għall-oġġetti li jidħlu fl-UE minn pajjiżi terzi. Dan jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati.

2. BAŻI LEGALI

Dan ir-rapport huwa meħtieġ skont l-Artikolu 144(2) tar-Regolament (UE) 2017/625, li skontu l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati għal perjodu ta' ħames snin mit-28 ta' April 2017. Id-delega tas-setgħa tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi ta' 5 snin sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponix l-estensjoni mhux aktar tard minn 3 xhur qabel tmiem kull perjodu. Il-Kummissjoni hija meħtieġa tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn 9 xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu ta' 5 snin. Hija ressqet l-ewwel rapport tagħha fid-9 ta' Lulju 2021².

3. EŻERĊIZZJU TAD-DELEGA

3.1. SETGĤAT UŻATI TUL IL-PERJODU TAR-RAPPORTAR

¹ Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-ġhalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) (OJ L 095, 7.4.2017, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2017/625/oj>).

² Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-eżerċizzju tas-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-ġhalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti ("Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali"), COM/2021/383 final, <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX:52021DC0383>.

Matul il-perjodu tar-rapportar³, il-Kummissjoni eżerċitat is-setgħat delegati tagħha billi adottat l-atti delegati li ġejjin⁴:

- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2156 tas-17 ta' Settembru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għad-deni tal-Wied tar-Rift⁵, li daħal fis-seħħ fis-27 ta' Diċembru 2021 u li beda japplika fl-istess data.
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2089 tal-21 ta' Settembru 2021 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2019/2122 fir-rigward ta' ċerti kategoriji ta' oġġetti li jippreżentaw riskju baxx, oġġetti li jkunu parti mill-bagalji personali tal-passiġġieri u annimali domestiċi eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntieri u li jemenda dak ir-Regolament Delegat u r-Regolament Delegat (UE) 2019/2074 fir-rigward tar-referenzi għal ċerta leġiżlazzjoni mhassra⁶, li daħal fis-seħħ fl-20 ta' Diċembru 2021 u li beda japplika fl-istess data.
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2244 tas-7 ta' Ottubru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli speċifiċi dwar il-kontrolli uffiċjali fir-rigward tal-proċeduri tat-teħid ta' kampjuni għar-residwi tal-pestiċidi fl-ikel u fl-ġhalf⁷, li daħal fis-seħħ fis-6 ta' Jannar 2022 u li beda japplika fil-15 ta' Diċembru 2022.
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/2305 tal-21 ta' Ottubru 2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'regoli dwar il-każijiet meta u l-kundizzjonijiet li fihom il-prodotti organiċi u l-prodotti fil-fażi ta' konverżjoni huma eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera, fil-post tal-kontrolli uffiċjali għal tali prodotti, u li jemenda r-Regolamenti Delegati tal-Kummissjoni (UE) 2019/2123 u (UE) 2019/2124⁸, li daħal fis-seħħ fit-30 ta' Diċembru 2021 u li beda japplika fl-1 ta' Jannar 2022.
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/671 tal-4 ta' Frar 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli speċifiċi dwar kontrolli uffiċjali mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti fuq annimali, prodotti li joriġinaw mill-annimali u prodotti ġerminali, kif ukoll dwar azzjonijiet ta' segwitu li għandhom jittieħdu mill-awtorità kompetenti f'każ ta' nonkonformità mar-regoli ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni għall-annimali bovini, ovini u kaprini jew f'każ ta' nonkonformità matul it-tranżitu mill-Unjoni ta' ċerti annimali bovini, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 494/98⁹, li daħal fis-seħħ fil-15 ta' Mejju 2022 u li beda japplika fl-istess data.
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/931 tat-23 ta' Marzu 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi

³ Peress li d-data limitu għall-inklużjoni fl-ewwel rapport kienet il-15 ta' Ġunju 2021, il-perjodu kopert minn dan ir-rapport huwa mis-16 ta' Ġunju 2021 sal-15 ta' Ġunju 2026.

⁴ L-atti delegati huma elenkati f'ordni kronoloġika ta' adozzjoni.

⁵ ĠU L 436, 7.12.2021, p. 26, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2021/2156/oj.

⁶ ĠU L 427, 30.11.2021, p. 149, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2021/2089/oj.

⁷ ĠU L 453, 17.12.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2021/2244/oj.

⁸ ĠU L 461, 27.12.2021, p. 5, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2021/2305/oj.

⁹ ĠU L 122, 25.4.2022, p. 17, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/671/oj.

jistabbilixxi regoli għat-twertiq ta' kontrolli uffiċjali fir-rigward tal-kontaminanti fl-ikel¹⁰, li daħal fis-seħħ fis-7 ta' Lulju 2022 u li beda japplika fl-1 ta' Jannar 2023.

- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/887 tat-28 ta' Marzu 2022 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2019/625 fir-rigward tal-kodifikazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u tas-Sistema Armonizzata u l-kundizzjonijiet tal-importazzjoni ta' ċerti prodotti komposti, li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2019/2122 fir-rigward ta' ċerti oġġetti u għasafar domestiċi eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera u li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2021/630 fir-rigward tar-rekwiżiti għall-prodotti komposti eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera¹¹, li daħal fis-seħħ fis-27 ta' Ġunju 2022 u li beda japplika fl-istess data.
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1615 tat-22 ta' April 2022 li jikkoreġi l-verżjoni bil-lingwa Żvediża tar-Regolament Delegat (UE) 2021/630 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' ċerti kategoriji ta' oġġetti eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera¹², li daħal fis-seħħ fl-10 ta' Ottubru 2022 u li beda japplika fl-istess data.
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1644 tas-7 ta' Lulju 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'rekwiżiti speċifiċi għat-twertiq tal-kontrolli uffiċjali fuq l-użu tas-sustanzi farmakoloġikament attivi awtorizzati bħala prodotti mediċinali veterinarji jew bħala addittivi tal-ġħalf u tas-sustanzi farmakoloġikament attivi pprojbti jew mhux awtorizzati u r-residwi tagħhom¹³, li daħal fis-seħħ fis-16 ta' Ottubru 2022 u li beda japplika fil-15 ta' Diċembru 2022.
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1667 tad-19 ta' Lulju 2022 li jikkoreġi ċerti verżjonijiet lingwistiċi tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2090 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward każijiet ta' nonkonformità suspettata jew stabbilita mar-regoli tal-Unjoni applikabbli għall-użu jew għar-residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi awtorizzati fi prodotti mediċinali veterinarji jew bħala addittivi tal-ġħalf jew mar-regoli tal-Unjoni applikabbli għall-użu jew għar-residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi pprojbti jew mhux awtorizzati¹⁴, li daħal fis-seħħ fid-19 ta' Diċembru 2022 u li beda japplika fl-istess data.
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2292 tas-6 ta' Settembru 2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' annimali li jipproduċu l-ikel u ċerti oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem¹⁵, li daħal fis-seħħ fl-14 ta' Diċembru 2022 u li beda japplika fil-15 ta' Diċembru 2022.
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2258 tad-9 ta' Settembru 2022 li jemenda u jikkoreġi l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar rekwiżiti speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali fir-rigward tal-prodotti tas-sajd, tal-bajd u ta' ċerti prodotti raffinati ħafna, u li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/624 fir-rigward ta' ċerti

¹⁰ ĠU L 162, 17.6.2022, p. 7, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/931/oj.

¹¹ ĠU L 154, 7.6.2022, p. 23, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/887/oj.

¹² ĠU L 243, 20.9.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/1615/oj.

¹³ ĠU L 248, 26.9.2022, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/1644/oj.

¹⁴ ĠU L 251, 29.9.2022, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/1667/oj.

¹⁵ ĠU L 304, 24.11.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/2292/oj.

molluski bivalvi¹⁶, li daħal fis-seħħ fit-8 ta' Diċembru 2022 u li beda japplika fl-istess data.

- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/182 tat-23 ta' Novembru 2022 li jikkoreġi ċerti verżjonijiet lingwistiċi tal-Anness III tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2122 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti kategoriji ta' annimali u oġġetti eżentati minn kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntieri, kontrolli speċifiċi fuq il-bagalji personali tal-passiġġieri u fuq kunsinni żgħar ta' oġġetti mibgħuta lil persuni fiżiċi li mhumiex maħsuba biex jitqiegħdu fis-suq¹⁷, li daħal fis-seħħ fid-19 ta' Frar 2023 u li beda japplika fl-istess data.
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/842 tas-17 ta' Frar 2023 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali biex tiġi vverifikata l-konformità mar-rekwiżiti tat-trattament xieraq tal-annimali għat-trasport tal-annimali bil-bastimenti tal-bhejjem¹⁸, li daħal fis-seħħ fl-14 ta' Mejju 2023 u li beda japplika fl-istess data.
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1149 tal-5 ta' April 2023 li jikkoreġi l-verżjoni bil-lingwa Pollakka tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2292 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' kunsinni ta' annimali li jipproduċu l-ikel u ċerti oġġetti maħsuba għall-konsum mill-bniedem¹⁹, li daħal fis-seħħ fit-3 ta' Lulju 2023 u li beda japplika fl-istess data.
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1674 tad-19 ta' Ġunju 2023 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2021/630 fir-rigward tal-inklużjoni ta' ċerti spreads li jiddellku u preparati biex isiru xarbiet li fihom il-kawkaw, ċertu ikel ippreparat miksub miċ-ċereali jew mill-prodotti taċ-ċereali, ċertu ikel ippreparat miksub mir-ross u minn ċereali oħra, ċerti ċipps u krisps, u ċerti zlazi u kondimenti fil-lista tal-prodotti komposti eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera u li jemenda l-Annessi I u III tar-Regolament Delegat (UE) 2019/2122²⁰, li daħal fis-seħħ fil-21 ta' Settembru 2023 u li beda japplika fl-istess data.
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/2652 tal-15 ta' Settembru 2023 li jemenda u jikkoreġi r-Regolament Delegat (UE) 2022/2292 fir-rigward tar-rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' għasel, laħam, prodotti raffinati ħafna, kapsuli tal-ġelatina, prodotti tas-sajd u fir-rigward tar-rekwiżiti għall-attestazzjoni privata, u li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2021/630 fir-rigward tar-rekwiżiti tal-attestazzjoni privata għall-prodotti komposti eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera²¹, li daħal fis-seħħ fit-18 ta' Diċembru 2023 u li beda japplika fl-istess data.
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/950 tal-15 ta' Jannar 2024 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2019/1602 fir-rigward tad-data tal-applikazzjoni u l-każijiet fejn l-awtoritajiet doganali huma meħtieġa jnaqqsu l-kwantitajiet iddikjarati fid-dikjarazzjoni doganali mill-kwantità totali permessa ddikjarata fid-Dokument Sanitarju

¹⁶ ĠU L 299, 18.11.2022, p. 5, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/2258/oj.

¹⁷ ĠU L 26, 30.1.2023, p. 5, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/182/oj.

¹⁸ ĠU L 109, 24.4.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/842/oj.

¹⁹ ĠU L 152, 13.6.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/1149/oj.

²⁰ ĠU L 216, 1.9.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/1674/oj.

²¹ ĠU L, 2023/2652, 28.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/2652/oj.

Komuni tad-Dħul (CHED)²², li daħal fis-seħħ fil-15 ta' April 2024 u li beda japplika fl-istess data.

- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/1004 tat-22 ta' Jannar 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-laboratorju ta' referenza tal-Unjoni Ewropea għall-aġenti għat-titjib tal-ikel²³, li daħal fis-seħħ fit-23 ta' April 2024 u li beda japplika fl-istess data.
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/2562 tat-3 ta' Ġunju 2024 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2022/1644 fir-rigward ta' ċerti kriterji għall-għażla tal-kampjuni²⁴, li daħal fis-seħħ fis-17 ta' Ottubru 2024 u li beda japplika fl-1 ta' Jannar 2025.
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/2104 tas-27 ta' Ġunju 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-każijiet u l-kundizzjonijiet li fihom l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu lill-operaturi jinnotifikaw il-wasla ta' ċerti oġġetti li jidħlu fl-Unjoni²⁵, li daħal fis-seħħ fil-15 ta' Ottubru 2024 u li beda japplika fit-3 ta' Marzu 2025.
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/65 tal-31 ta' Ottubru 2024 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2019/2123 fir-rigward tal-kundizzjonijiet li bihom jitressaq Dokument Sanitarju Komuni tad-Dħul separat għall-kunsinni li jtilqu minn post ta' kontroll fuq il-fruntiera għal punt ta' kontroll fejn għandhom jitwettqu verifiki identitarji u fiżiċi²⁶, li daħal fis-seħħ fit-3 ta' Frar 2025 u li beda japplika fl-istess data.
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/637 tad-29 ta' Jannar 2025 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2022/2292 fir-rigward tar-rekwiżiti għad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti prodotti tal-ħalib, ċerti addittivi tal-ikel idderivati mill-annimali, budellati tal-kollaġen, laħam ikkapuljat, preparati tal-laħam, laħam separat mekkanikament u prodotti komposti li fihom kapsuli tal-ġelatina²⁷, li daħal fis-seħħ fid-19 ta' Mejju 2025 u li beda japplika fl-istess data.
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/687 tat-30 ta' Jannar 2025 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2019/624 fir-rigward tal-ispezzjonijiet ante-mortem fil-biċċeriji, l-ispezzjonijiet ante-mortem fl-azjenda ta' provenjenza u l-ispezzjonijiet post-mortem²⁸, li daħal fis-seħħ fis-27 ta' April 2025 u li beda japplika fl-istess data.
- Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2026/273 tal-4 ta' Frar 2026 li jemenda u jikkoreġi r-Regolament Delegat (UE) 2019/2122 dwar ċerti kategoriji ta' annimali u oġġetti eżentati minn kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntieri²⁹, li daħal fis-seħħ fl-14 ta' April 2026 u li beda japplika parzjalment fl-istess data u parzjalment fit-22 ta' April 2026.

²² ĠU L, 2024/950, 26.3.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/950/oj.

²³ ĠU L, 2024/1004, 3.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/1004/oj.

²⁴ ĠU L, 2024/2562, 27.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/2562/oj.

²⁵ ĠU L, 2024/2104, 25.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/2104/oj.

²⁶ ĠU L, 2025/65, 14.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/65/oj.

²⁷ ĠU L, 2025/637, 29.4.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/637/oj.

²⁸ ĠU L, 2025/687, 7.4.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/687/oj.

²⁹ ĠU L, 2026/273, 13.4.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2026/273/oj.

Il-Kummissjoni nnotifikat kull wieħed mill-atti delegati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 144(5) tar-Regolament (UE) 2017/625. La l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma esprimew oġġezzjoni għal xi wieħed minn dawn l-atti.

Matul il-perjodu tar-rapportar, il-Kummissjoni użat 12-il setgħa mit-38 mogħtija fir-Regolament (UE) 2017/625. Minn dawn it-12-il setgħa, 8 intużaw parzjalment. Xi setgħat delegati ġew raggruppati biex jiġi adottat att delegat uniku fejn ir-regoli huma marbuta b'mod sostantiv, f'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet³⁰.

3.2. SETGĤAT MHUX UŻATI MATUL IL-PERJODU TAR-RAPPORTAR

Ċerti setgħat previsti fir-Regolament (UE) 2017/625 ma ntużawx matul il-perjodu tar-rapportar iżda għadhom meħtieġa, għar-raġunijiet spjegati hawn taħt.

- L-Artikolu 10(3)

Il-Kummissjoni qed tivvaluta kontinwament il-ħtieġa li jiġu emendati r-regoli li jistabbilixxu l-kategoriji ta' operaturi li għandhom jiġu eżentati mil-lista ta' operaturi mfassla mill-awtoritajiet kompetenti, fejn l-inklużjoni tagħhom f'tali lista tikkostitwixxi piż amministrattiv sproporzjonat għalihom meta mqabbel mar-riskju relatat mal-attivitajiet tagħhom.

- L-Artikoli 18(7), il-punti (b), (c), (f) u (h) sa (k), 19(2), il-punt (c), 20(2), il-punt (b), 21(8), il-punti (b), (d) u (e), u 22(2), 23(2), 24(3), 26(2), u 27(1)

Il-Kummissjoni qed tivvaluta kontinwament il-ħtieġa li tistabbilixxi u/jew temenda regoli dwar rekwiżiti speċifiċi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali u għal miżuri li għandhom jittieħdu wara tali kontrolli, fid-dawl tal-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-kontrolli uffiċjali fir-Regolament (UE) 2017/625 u f'atti relatati, biex tindirizza n-nonkonformità u l-prattiki ta' infurzar diverġenti possibbli madwar l-Istati Membri.

- L-Artikolu 41

Il-Kummissjoni qed tħejji att delegat ibbażat fuq l-għoti tas-setgħa fl-Artikolu 41³¹ biex tispeċifika l-kundizzjonijiet għall-ħatra ta' laboratorji ta' referenza li ma jissodisfawx uħud mill-kundizzjonijiet definiti fir-Regolament (UE) 2017/625 fir-rigward tal-metodi kollha li jużaw għall-kontrolli uffiċjali, u fir-rigward tal-istandards li joperaw f'konformità magħhom.

- L-Artikolu 47(3)

Il-Kummissjoni qed tivvaluta kontinwament il-ħtieġa li temenda r-Regolament (UE) 2017/625 dwar il-kategoriji ta' kunsinni ta' annimali u oġġetti li huma soġġetti għal kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntieri, biex tinkludi prodotti li jippreżentaw riskju li għadu kif ġie identifikat jew li żdied b'mod sinifikanti.

- L-Artikolu 48, il-punti (a) u (g)

³⁰ Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016 (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinst/2016/512/oj), it-taqsima V, il-punt 31.

³¹ L-att delegat se jkun ibbażat fost l-oħrajn fuq il-verżjoni emendata tal-Artikolu 41, jekk tiġi adottata l-emenda proposta mill-Kummissjoni fil-proposta tagħha għal Regolament li jemenda, *inter alia*, ir-Regolament (UE) 2017/625 (COM(2025) 1030 final).

Dawn is-setgħat huma meħtieġa biex il-Kummissjoni tkun tista' tadotta u/jew temenda regoli biex tistabbilixxi l-każijiet meta u l-kundizzjonijiet li fihom l-oġġetti mibgħuta bħala kampjuni kummerċjali jew bħala oġġetti għall-wiri għal wirjiet u oġġetti li jkunu għaddew minn trattament speċifiku jkunu eżentati mill-kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntieri.

- L-Artikolu 49(5)

Il-Kummissjoni qed tivvaluta kontinwament il-ħtieġa li jiġu stabbiliti rekwiżiti speċifiċi ta' taħriġ rigward it-twertiq ta' verifiki fiżiċi fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntieri.

- L-Artikolu 51(1), il-punti (b) sa (e)

Il-Kummissjoni qed tivvaluta kontinwament il-ħtieġa li jiġu stabbiliti limiti ta' żmien u arranġamenti għat-twertiq tal-verifiki, kif ukoll regoli dwar il-każijiet meta u l-kundizzjonijiet li fihom il-verifiki tal-identità u l-verifiki fiżiċi ta' kunsinni trażbordati u ta' annimali li jaslu bl-ajru jew bil-baħar u li jibqgħu fuq l-istess mezz ta' trasport għat-tkomplija tal-vjaġġ jistgħu jitwettqu f'post ta' kontroll fuq il-fruntieri għajr dak tal-ewwel wasla, regoli għat-tranżitu ta' kunsinni ta' annimali u oġġetti, u derogi mir-regoli dwar il-verifiki tal-identità u l-verifiki fiżiċi fir-rigward tat-trażbord u t-tranżitu ta' kunsinni.

- L-Artikolu 51(2)

Il-Kummissjoni qed tivvaluta kontinwament il-ħtieġa li tispeċifika l-każijiet meta u l-kundizzjonijiet li fihom għandhom japplikaw derogi mir-regoli dwar il-kontrolli tad-dokumentazzjoni fir-rigward ta' kunsinni trażbordati u t-tranżitu ta' kunsinni li għalihom huwa meħtieġ ċertifikat fitosanitarju għall-introduzzjoni tagħhom fl-UE.

- L-Artikolu 53(1), il-punti (b) u (c) u l-punt (d)(i) u (iii)

Il-Kummissjoni qed tivvaluta kontinwament il-ħtieġa li tistabbilixxi u/jew temenda r-regoli dwar il-kontrolli uffiċjali mhux imwettqa fil-post ta' kontroll fuq il-fruntieri tal-ewwel wasla fl-UE, fid-dawl tal-esperjenza miksuba fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/625. Meta tivvaluta l-ħtieġa ta' regoli rigward kompiti speċifiċi ta' kontroll li jistgħu jitwettqu mill-awtoritajiet doganali jew minn awtoritajiet pubbliċi oħra, il-Kummissjoni tqis ir-responsabbiltajiet fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali mogħtija lill-awtoritajiet doganali minn atti oħra tal-UE³².

- L-Artikoli 62(3) u 64(2) u (5)

Il-Kummissjoni qed tivvaluta kontinwament il-ħtieġa li tistabbilixxi u/jew temenda derogi mir-regoli dwar il-ħatra ta' postijiet ta' kontroll fuq il-fruntieri u r-rekwiżiti minimi għall-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntieri, fid-dawl tal-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1012³³.

³² Pereżempju r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/952/oj>).

³³ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1012 tat-12 ta' Marzu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jidderoga mir-regoli dwar il-ħatra ta'

- L-Artikolu 71(3)

Il-Kummissjoni qed tivvaluta kontinwament il-ħtieġa li tistabbilixxi u/jew temenda r-rekwiżiti u l-kundizzjonijiet li f'konformità magħhom għandu jsir trattament speċjali tal-kunsinni.

- L-Artikoli 77(1), il-punti (a) sa (g), (i) u (j) u 77 (2)

Il-Kummissjoni qed tivvaluta kontinwament il-ħtieġa li jiġu stabbiliti u/jew emendati regoli għal kontrolli uffiċjali speċifiċi u għal miżuri li għandhom jittieħdu wara t-tweqqif ta' kontrolli, u dwar il-kundizzjonijiet għall-monitoraġġ tat-trasport u l-wasla ta' kunsinni ta' ċerti annimali u oġġetti, fid-dawl tal-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tar-regoli dwar il-kontrolli uffiċjali fuq l-annimali u l-oġġetti li jidħlu fl-UE, kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2017/625 u f'atti relatati.

- L-Artikolu 99(2)

Din is-setgħa hija limitata għal sitwazzjonijiet ta' riskji ġodda jew emerġenti, mard tal-annimali ġdid jew emerġenti, jew pesti tal-pjanti, jew meta rekwiżiti legali ġodda jiġġustifikawhom. Tali sitwazzjonijiet jew rekwiżiti għadhom ma seħħewx, iżda jistgħu jinħolqu fil-futur.

- L-Artikoli 100(6) u 101(2)

Il-Kummissjoni bħalissa qed tħejji att delegat ibbażat fuq l-għoti tas-setgħa fl-Artikolu 100(6)³⁴, dwar ir-rekwiżiti għall-ħatra ta' laboratorji ta' referenza nazzjonali. Qed tivvaluta kontinwament ukoll il-ħtieġa li jiġu stabbiliti responsabbiltajiet u kompiti għal-laboratorji ta' referenza nazzjonali biex tiġi żgurata l-koerenza ma' kwalunkwe responsabbiltà u kompiutu addizzjonali adottati f'konformità mal-Artikolu 99(2).

- L-Artikolu 108(3)

Il-Kummissjoni tivvaluta kontinwament il-ħtieġa li tistabbilixxi u/jew temenda regoli għal skambju rapidu ta' informazzjoni meta l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri ma jkunux jistgħu jaqblu dwar azzjoni xierqa biex tiġi indirizzata n-nonkonformità.

- L-Artikolu 142(1)

Din is-setgħa hija limitata għall-emendar tar-Regolament (UE) 2017/625 fir-rigward tal-emendi tal-Annessi II u III tiegħu, biex jitqiesu l-bidliet fir-regoli msemmija fl-Artikolu 1(2), il-progress tekniku jew l-iżviluppi xjentifiċi. Matul il-perjodu tar-rapportar, ma kien hemm l-ebda bidla jew progress li ġġustifika emendi ta' dawn l-annessi.

- L-Artikolu 142(2)

punti ta' kontroll u mir-rekwiżiti minimi għall-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera (ĠU L 165, 21.6.2019, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2019/1012/oj).

³⁴ L-att delegat se jkun ibbażat fost l-oħrajn fuq il-verżjoni emendata tal-Artikolu 100(6), jekk tiġi adottata l-emenda proposta mill-Kummissjoni fil-proposta tagħha għal Regolament li jemenda, *inter alia*, ir-Regolament (UE) 2017/625 (COM(2025) 1030 final).

Matul il-perjodu tar-rapportar, il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (“CEN”) ma għamel l-ebda emenda rilevanti tal-istandards Ewropej li għalihom tirreferi din is-setgħa. Madankollu, kwalunkwe emenda futura mis-CEN tista’ tirrikjedi l-adozzjoni ta’ att delegat.

- L-Artikoli 149(2), 150(3), 154(3), 155(3) u 165(3)

Dawn is-setgħat jippermettu lill-Kummissjoni tadotta atti delegati biex temenda r-Regolament (UE) 2017/625 fir-rigward tad-dati msemija fl-Artikoli 149(1), 150(1) u (2), 154(2), 155(2) u 165(2). Il-Kummissjoni ma kellha l-ebda hteġa li tuża dawn is-setgħat matul il-perjodu tar-rapportar.

KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni tqis li s-setgħa li tadotta atti delegati prevista fir-Regolament (UE) 2017/625 għandha tiġi estiża b’mod taċitu għal perjodu ta’ 5 snin, f’konformità mal-Artikolu 144(2). Se jkompli jkun hemm il-hteġa li jiġu żviluppati regoli bbażati fuq dawn is-setgħat, u huwa importanti li tiġi pprovduta l-flessibbiltà meħtieġa fil-qafas legali, li jiġi kkomplementat u aġġustat regolarment skont l-aħħar standards xjentifiċi u li l-Kummissjoni tkun tista’ tagħixxi f’oqsma fejn ma aġixxietx matul il-perjodu tar-rapportar.

B’dan ir-rapport, il-Kummissjoni qed tikkonforma mal-obbligu ta’ rapportar stabbilit fl-Artikolu 144(2) tar-Regolament (UE) 2017/625.

Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jieħdu nota ta’ dan ir-rapport.